



Brussell, 16 ta' Novembru 2023
(OR. en)

15223/23

COH 80
ECOFIN 1153
UEM 350
SOC 750
EMPL 535
COMPET 1087
ENV 1269
EDUC 426
RECH 492
ENER 608
JAI 1449
GENDER 199
ANTIDISCRIM 182
JEUN 256
SAN 646

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti (Parti 2)/Kunsill
Nru. dok. preċ.:	ST 10193/23
Suġġett:	Abbozz ta' konklużjonijiet tal-Kunsill dwar id-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni "Xejriet reġjonali għat-tkabbir u l-konverġenza fl-Unjoni Ewropea" - Approvazzjoni

1. Fit-2 ta' Ġunju 2023, il-Kummissjoni ppubblikat id-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tagħha intitolat "Xejriet reġjonali għat-tkabbir u l-konverġenza fl-Unjoni Ewropea".
2. Il-Kummissjoni ppreżentat ir-Rapport fil-laqgħa tal-Grupp ta' Ħidma dwar Miżuri Strutturali u Reġjuni Ultraperiferiċi tat-13 ta' Ġunju 2023.

3. L-abbozz ta' konklużjonijiet tal-Presidenza ġie eżaminat fil-laqgħat tal-Grupp ta' Ħidma dwar Miżuri Strutturali u Reġjuni Ultraperiferiċi tal-21 ta' Settembru¹, it-12 ta' Ottubru², it-23 ta' Ottubru³ u t-8 ta' Novembru⁴. Id-delegazzjonijiet qablu dwar l-abbozz ta' konklużjonijiet tal-Kunsill kif jinsab fl-Anness għal din in-nota.
4. Il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa għalhekk mistieden jirrakkomanda lill-Kunsill japprova, bħala punt "A" f'laqgħa li jmiss, dawn il-konklużjonijiet tal-Kunsill kif jinsabu fl-Anness għal din in-nota.
-

¹ WK 11665/2023 INIT.
² WK 11665/2023 REV 1.
³ WK 11665/2023 REV 2.
⁴ WK 11665/2023 REV 3.

ABBOZZ TA' KONKLUŻJONIJIET TAL-KUNSILL

dwar

id-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni "Xejriet reġjonali għat-tkabbir u l-konverġenza fl-UE"

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA

1. JILQA' B'SODISFAZZJON id-dokument ta' ħidma tal-Kummissjoni bit-titolu "Xejriet reġjonali għat-tkabbir u l-konverġenza fl-Unjoni Ewropea", li janalizza s-sitwazzjoni tal-konverġenza u t-tkabbir tar-reġjuni Ewropej fil-kuntest tas-Semestru Ewropew, u jirrifletti dwar ir-rwol tal-politika ta' koeżjoni fit-tnaqqis tal-asimmetriji u d-disparitajiet reġjonali;
2. JIRRIKONOXXI li l-iżvilupp sostenibbli tar-reġjuni kollha u r-reżiljenza tagħhom huma kruċjali għall-prosperità ekonomika, il-benesseri soċjali, l-iżvilupp tal-kapital uman, u t-titjib tal-kompetittività tal-UE kollha kemm hi;
3. JAQBEL li l-politika ta' koeżjoni kkontribwiet b'mod sinifikanti għat-tnaqqis tad-disparitajiet u għat-tisħiħ tal-koeżjoni ekonomika u soċjali bejn u fi ħdan ir-reġjuni, f'konformità mal-gwida għall-investiment rilevanti deskritta fis-Semestru Ewropew. Madankollu, għad hemm asimmetriji u disparitajiet importanti, f'termini tal-PDG kif ukoll tar-rati tal-impjegi u tal-qgħad, tal-kompetittività u tal-produttività, kif ukoll fil-livell intrareġjonali, li jeħtieġ li jitqiesu sabiex jiġu indirizzati kif xieraq. Għalhekk, il-politika ta' koeżjoni għandha tkompli taqdi rwol f'dan ir-rigward;
4. JIEĦU NOTA li għadd dejjem akbar ta' reġjuni tal-UE jinsabu f'"nassa tal-iżvilupp" jew friskju li jinqabdu f'waħda. Dawn ir-reġjuni ilhom jesperjenzaw perjodi twal ta' tkabbir bil-mod jew negattiv, bi gwadanji dgħajfa fil-produttività u livelli baxxi ta' ħolqien ta' impjegi;
5. JISTIEDEN lill-Kummissjoni tagħmel l-aħjar użu mid-data eżistenti biex tanalizza l-kontribut tal-politika ta' koeżjoni għall-konverġenza tar-reġjuni u l-prosperità tal-UE kollha kemm hi f'dawn l-aħħar deċennji u biex tanalizza aktar il-kawżi tad-diverġenza reġjonali u n-nases tal-iżvilupp, inkluż fir-reġjuni ultraperiferiċi;

6. JIRRIKONOXXI li reġjuni aktar żviluppati u metropolitani għandhom it-tendenza li jkollhom konċentrazzjoni oġħla ta' kapital uman, attivitajiet ta' riċerka u innovazzjoni, u livelli oġħla ta' produttività tax-xoġhol u kompetittività;
7. JISĦAQ li, fl-istess ħin, ix-xejriet demografiċi huma sfida serja f'ħafna reġjuni tal-Ewropa b'mod partikolari f'dawk inqas żviluppati, remoti, ultraperiferiċi, gżejjer, muntanjużi u rurali, li jistgħu jiġu aggravati minn diffikultajiet addizzjonali fl-iżvilupp, iż-żamma u l-attrazzjoni tat-talenti u għalhekk jeħtieġ li jiġu indirizzati;
8. JIRRIKONOXXI, barra minn hekk, li l-aċċess għas-servizzi bażiċi għadu baxx f'għadd ta' reġjuni tal-UE, inkluż reġjuni inqas żviluppati, reġjuni ultraperiferiċi, gżejjer u żoni muntanjużi, indipendentement mill-prestazzjoni nazzjonali tagħhom. Għalhekk, il-politika ta' koeżjoni għandha tkompli tikkontribwixxi biex tiffaċilita l-aċċess għal servizzi pubbliċi bażiċi, inkluż investimenti f'infrastrutturi bażiċi f'konformità mal-ħtiġijiet reġjonali bħala prerekwiżit għal aktar konverġenza u tkabbir;
9. JAQBEL li l-għanijiet tat-tranżizzjoni ekoloġika u l-kisba tan-newtralità klimatika sal-2050 jiġġeneraw opportunitajiet, u sforzi komuni biex jintlaħaq dan l-għan huma indispensabbli. Madankollu, dawn jinvolvu kostijiet li jvarjaw bejn ir-reġjuni, u b'hekk hemm ir-riskju ta' ħolqien ta' aktar disparitajiet u inugwaljanzi. Barra minn hekk, il-konsegwenzi negattivi dejjem jikbru tat-tibdil fil-klima jaffettwaw b'mod sever it-tkabbir u l-iżvilupp ta' ħafna reġjuni fl-Ewropa. Il-politika ta' koeżjoni tista' tikkontribwixxi għall-mitigazzjoni ta' dawk l-impatti mhux mixtieqa, filwaqt li tappoġġa tranżizzjoni ġusta;
10. JILQA' B'SODISFAZZJON ir-rikonossiment tal-ħtieġa li jiġi żgurat li l-politiki rilevanti tal-UE u dawk nazzjonali jkunu mmirati lejn il-ħtiġijiet lokali u għandhom iqisu d-diversità u x-xejriet ta' tkabbir mhux uniformi fir-reġjuni Ewropej, bħala element ewlieni għall-prosperità tal-UE kollha kemm hi;

11. JILQA' B'SODISFAZZJON it-tnedija ta' riflessjoni dwar il-futur tal-politika ta' koeżjoni, sabiex jiġu esplorati toroq għal politika aktar b'saħħitha li ser tinkludi prijoritajiet ċari u sforzi għas-simplifikazzjoni li jikkontribwixxu għall-iżvilupp bilanċjat u armonjuż tal-Unjoni Ewropea fis-snin li ġejjin, kif ukoll il-preservazzjoni tal-valuri demokratiċi u soċjali tal-UE;
12. JAFFERMA MILL-ĠDID ir-rwol tal-politika ta' koeżjoni bħala faċilitatur u stabbilizzatur tas-suq uniku u l-kundizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni, u bħala fattur importanti li jikkontribwixxi għat-twettiq tal-prinċipji tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali. JIRRIKONOXXI l-kontribut tiegħu għall-ibbilanċjar mill-ġdid tat-tkabbir fir-reġjuni u t-territorji, u għall-koeżjoni soċjali;
13. JIRRIKONOXXI li sinerġiji b'saħħithom bejn id-diversi strumenti tal-UE jippermettu l-massimizzazzjoni tal-valur miżjud mill-azzjonijiet tal-UE u JFAKKAR li identifikazzjoni korretta tal-komplementarjetajiet bejn l-istrumenti teħtieġ id-disinn adatt u motivat tagħhom sa mill-bidu, u b'hekk jiġu evitati duplikazzjonijiet bejn l-oġettivi u l-oqsma ta' intervent tagħhom. JENFASIZZA li l-politika reġjonali għandha tuża s-sinerġiji bejn l-istrumenti Ewropej, nazzjonali u dawk reġjonali.
